**Minuti tal-Laqgħa nru 24 tal-Ħames Kunsill Lokali tal-Mosta li reġgħet ġiet imsejħa għal nhar it-Tlieta 6 ta' Jannar 2009 fit-8.00 p.m.wara li fid-data ta' 30 ta' Diċembru 2008 ma kienx hemm quorum.**

Is-Sindku mexxa il-laqgħa tal-kunsill.
Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Paul Chetcuti Caruana | 8.15 p.m. | 9.45 p.m. |
| Viċi Sindku Josette Agius Decelis | Skużata | |
| Kunsillier Joseph Demartino | 8.15 p.m. | 9.45 p.m. |
| Kunsillier Mario Sammut | 8.15 p.m. | 9.45 p.m. |
| Kunsillier Shirley Farrugia | 8.15 p.m. | 9.45 p.m. |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 8.15 p.m. | 9.45 p.m. |
| Kunsillier Paul Agius | Skużat | |
| Kunsillier Kirby Fenech | Skużata | |
| Kunsillier Christopher Grech | Skużat | |
| Kunsillier John Mary Camilleri | Skużat | |
| Kunsillier Nicola Fenech Adami | 8.15 p.m. | 9.45 p.m. |

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

Kienu wkoll preżenti il-Perit Maurice Galea, Konsulent tal-Kunsill Lokali Mosta u membru fuq il-Kumitat tal-Kuntratti, u is-sinjura Romina Perici Ferrante l-accountant tal-Kunsill Lokali Mosta.

Fil-bidu tal-laqgħa s-Sindku, Dr Paul Chetcuti Caruana talab għal sospensjoni tar-regolamenti sabiex il-Kunsill jiddiskuti item No 5 tal-Agenda billi kien preżenti l-Perit Maurice Galea, il-konsulent tal-Kunsill u li huwa wkoll membru tal-kumitat tal-kuntratti. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**1.0 Approvazzjoni ta' Tenders**

Is-Segretarju qassam ir-rapporti bir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Kuntratti tat-Tenders: a) Nru KLM 07/08 – *The Engagement of a Contracts Manager for the maintenance repair and upkeep of roads in Mosta* u b) Nru KLM 04/08 *The Construction of footpaths and culverts and other various works in Mosta*. Kopji tal-analiżi u rakkomandazzjonijiet ppreparati mill-Perit Maurice Galea ġew iċċirkulati lill-Kunsilliera ftit jiem qabel il-laqgħa.

**1.1 Contracts Manager**

Is-Sindku stieden lill-Perit Maurice Galea sabiex jagħmel il-preżentazzjoni tar-rapport tiegħu. Il-perit qal li kien qed jiġi rakkomandat li t-tender jingħata lill-kumpanija Med Design Associates bir-rata ta 2.9%. Dr Shirley Farrugia qalet li l-Periti DTR (Design & Technical Resources) mhumiex l-istess Sant & Mugliette u għalhekk ma kienx il-każ li jitwarrbu minħabba xi allegati nuqqassijiet ta' Sant & Mugliette li huma l-periti tal-Kunsill. Il-Perit Galea qal li dawn iż-żewġ kumpaniji huma assoċjati. Dr Farrugia talbet sabiex tara l-profile taż-żewġ kumpaniji. Hija spjegat li jirriżulta biss li Direttur wieħed biss huwa komuni għaż-żewġ kumpaniji.

Is-Sur Demartino qal li l-aħħar kuntratt ta' Contracts Manager li kellu l-Kunsill kien ingħata bir-rata ta' 1.25% u dak iż-żmien il-Perit Galea ma kienx qal li b'dik ir-rata (baxxa) ma setax jingħata servizz tajjeb. Huwa staqsa għaliex issa qed issir diskors differenti.

Is-Sindku qal li meta l-Perit Galea staqsa lill-persuna nkarigata mill-accounts tal-Kunsill din qalet li ċ-ċertifikati kienu jdumu ma jaslu u qatt ma ġie ippreżentat rapport ta' kull xahar kif suppost. Il-Perit Maurice Galea ikkonferma dan. Meta mistoqsi is-Segretarju Eżekuttiv qal li kemm ilu fil-kariga hu (14 il-xahar), qatt ma kellu kuntatt mal-Contracts Manager (EMDP) u għalhekk ma' setax jikkumenta dwar il-*performance* tiegħu. Is-Sur Demartino qal li mela x-xogħol kollu li sar f'dan l-aħħar sena u disa xhur, għadu ma ġiex iċċertifikat. Is-Sindku ikkonferma li dan ser jiġi riferut lill-Contracts Manager il-ġdid. Il-pagamenti li saru huma biss

pagamenti akkont fuq ix-xogħol ta' qabel dan il-kunsill u li fil-fatt għad baqa kontijiet kbar x'jitħallsu.

Il-Perit Galea saħaq li DTR, jew aħjar il-Perit Etienne Magri, ma' tax servizz kif suppost u ta' dan huwa seta jagħti eżempji. Xogħol ħażin ġie iċċertifikat. Saru testijiet fuq xogħol li kien iċċertifikat iżda li ma għaddiex mit-testijiet. Kienet ir-responsabilita tal-Contracts Manager li jagħmel dawn it-testijiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fuq dan is-suġġett kien irċieva email mingħand il-Kunsillier Chris Grech li talab li tinqara waqt il-laqgħa tal-Kunsill. Is-Sindku wera id-diżapprovazzjoni tiegħu li din tinqara. Is-Sur Demartino flimkien mal-maġġoranza tal-Kunsilliera qablu li din tinqara. Is-Segretarju qara l-ittra tal-Perit Chris Grech (kopja annessa ma dawn il-minuti).

Dr Shirley u s-Sur Demartino qalu li ma kienux konvinti li Med Design Associates kellhom jingħataw il-kuntratt ta *Contract Manager* u għalhekk intalbet votazzjoni.

Is-segretarju poġġa r-rakkomandazzjoni tal-kumitat tal-kuntratti għall-vot u din ma għaddietx bi tnejn favur u erba kontra.

**1.2 Construction of Footpaths and Culverts and other various works in Mosta.**

Is-Sur Demartino staqsa kif fir-rapport tal-Perit Galea kien hemm li l-kuntratturi V & C Contractors Ltd ma' humiex rreġistrati bħala '*approved contractors*' mal-ADT meta dawn jingħataw xogħolijiet kbar ta' toroq b'mod regolari. Il-perit Maurice Galea wieġeb li meta huwa fittex fuq il-website tal-ADT dawn ma kienux irreġistrati. Kien biss dan l-aħħar li dawn qed jidhru fuq il-website bħala 'approved contractors' tal-ADT. Is-Sinjura Nicola Fenech Adami qalet li mhux sew li testijiet jsiru darba biss u jekk test darba jirriżulta negattiv, il-kuntrattur jiġi '*black listed*'.

Il-Perit Galea qal ukoll li mid-dokumenti li ssottomettew V & C kien jidher li huma kellhom nuqqas kbir ta' *supervision personell.*

Dr Farrugia qalet li fil-każ ta' dan it-tender il-kuntratturi ma ntalbux jiċċaraw il-pożizzjoni fil-waqt li fil-każ tal-Contracts Manager il-Med Design Group ġew mitluba kjarifiki. Il-Perit Glaea qal li V& C ġew prinċipalment eliminati meta dawn ma dehrux li kienu '*approved contractors*' tal-ADT. Demartino, iżda, insista li l-affarijiet issa kienu jidhru li nbiddlu għaliex dawn huma fil-fatt irreġistrati bħala tali mal-ADT.

Rigward Bonnici Bros Ltd, il-Perit Galea qal li għalkemm huwa rrakkomandat li jingħataw il-kuntratt, dawn għadhom jiġu mitluba jraħħsu l-prezz.

Is-Sur Demartino qal li V & C għadhom jintalbu jirranġaw xi xogħol difettuż li għamlu u mhux jiġu eliminati minħabba ~~xi ftit xogħol~~ difettuż minn tant xogħol li dawn għamlu għall-Kunsill.

F'dan l-istadju intalbet votazzjoni.

Is-segretarju poġġa r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Kuntratti li Bonnici Brothers Ltd jingħataw il-kuntratti. Il-proposta ma għaddietx b'2 voti favur u 4 kontra.

Hawn is-sur Demartino ippropona li l-kuntratt jingħata lill V & C.

Is-Sindku f'dan il-mument ħareġ mill-kamra u qal li qed jissospendi l-laqgħa.

Ma kienx hemm aktar quorum u għalhekk il-laqgħa waqqfet fid-9.45 ta' filgħaxija.

Items 1,2,3,4,6,7,8,9 u 10 tal-Agenda ma sarux.

| | |
|---|---|
| Dott Paul Chetcuti Caruana | John J. Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |